**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 5 ta' Diċembru 2024**

**Kumpilazzjoni numru: 712/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**kontra**
**Gilmour Lucas Bartolo**

Il-Qorti,

Rat **l-imputazzjonijiet kif korretti**[1] miġjuba kontra l-imsemmi **Gilmour Lucas Bartolo** ta' tlieta u għoxrin (23) sena, ta' nazzjonalità Maltija, iben missier mhux magħruf u Maris Rakban xebba Bartolo, imwieled il-Pietà, Malta nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0251901L;

F'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawh talli nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) ġewwa District Hotel, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1) Ikkommetta serq ta' oġġetti ta' abbiljament fosthom ħwejjeġ, żarbun, basket u nuċċali tax-xemx kif ukoll flus kontanti, ċwievet tal-karozza, fwieħa, oġġetti kożmetiċi, *toothbrush* elettrika, *headphones* u/jew oġġetti oħra u/jew dokumenti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37),

[1] Il-prosekuzzjoni talbet żieda fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat fl-udjenza ta' nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).

liema serq sar għad-dannu ta' **Alexandra Gex**, **Sofia Filipa Ruivo Gomes**, **Marie Ange Viel** u/jew ta' entitajiet oħra u/jew xi persuna/i oħra;

U, f'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawh ukoll talli nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs) u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) ġewwa Dave's Supermarket, Triq Nazju Ellul, Gżira, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, liema serq sar għad-dannu ta' **Dave's Supermarket, Triq Nazju Ellul, Gżira** u/jew ta' entitajiet oħra u/jew xi persuna/i oħra;

U, f'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawh ukoll talli bejn nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) u t-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' nofsinhar (12:00hrs) ġewwa Lotto Shop, Number 8, Xatt l-Imsida, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3) Ikkommetta serq ta' kaxxa tal-flus kontenenti flus kontanti, *top-up cards* u *scratch cards* u/jew oġġetti oħra u/jew dokumenti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' **Julian Galea** u/jew **Lotto Shop Number 8, Xatt l-Imsida** u/jew ta' entitajiet oħra u/jew xi persuna/i oħra;

U, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, nakkużawh ukoll talli nhar is-sebgħa (07) ta' Settembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) ġewwa il-Football Pitch, Triq Misraħ il-Barrieri, Imsida, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

4) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' **Jordan Andrews**, **Nico Aquilina**, **Neal Sammut** u/jew xi persuna/i oħra;

5) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment tal-kafetterija bl-isem **MELT u/jew Warren Cuschieri** u/jew ta’ entitajiet oħra u/jew xi persuna/i oħra, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

6) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’għajjat u/jew ġlied;

U, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, nakkużawh ukoll talli nhar is-sebgħa (07) ta’ Settembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġimgħat u xhur ta’ qabel, f’diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin:

7) Ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta’ ordni ta’ *probation* jew matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata hekk kif mogħtija nhar it-tlettax (13) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dott. Kevan Azzopardi, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

8) U aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, b’sentenza/i mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Din il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex:

i. Tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta f’każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom;
ii. Toħroġ ordni jew ordnijiet ta’ protezzjoni kontra l-imputat u favur il-parti jew partijiet leżi *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-mori tal-kawża kif ukoll, kemm-il darba tinstab ħtija, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
iii. Kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, flimkien ma’ kull Artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-parti jew partijiet leżi;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet;

Tqis illi wara li nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġiet reġistrata l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-Avukat Ġenerali u l-imputat preżentaw rikors konġunt ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ir-rikorrenti ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu u talbu lil din il-Qorti sabiex *"fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Gilmour Lucas Bartolo għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tiegħu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun ta'* ***sentejn u ħames xhur priġunerija effettiva*** *u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż, u/jew konsegwenza oħra mandatorja għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Tqis għalhekk li l-prosekuzzjoni u l-imputat kif debitament assistit qablu fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-istess imputat;

Tqis ukoll li għalkemm fir-rikors konġunt jingħad li *"fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat"*, għandha tiġi nflitta l-piena ndikata fl-istess

rikors, mill-atti jirriżulta li qabel ma ġie preżentat ir-rikors konġunt, l-imputat debitament assistit, kien diġa' rreġista ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u dan nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), f'liema udjenza huwa kien anke kkonferma l-ammissjoni tiegħu, wara li l-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Tqis ukoll illi wara li ħadet konjizzjoni tar-rikors konġunt tal-partijiet, u wara li semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur tispjega kif il-partijiet kienu waslu għal piena ndikata, fl-udjenza ta' nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), il-Qorti ddikjarat illi ma tistax tinfliġġi l-piena ndikata fir-rikors konġunt tal-partijiet stante li l-piena hija barra mill-parametri stabbiliti mill-liġi;

Tqis illi għalhekk il-Qorti ddikjarat 'in open court' li l-Qorti ma tistax taderixxi mat-talba li saret mill-Avukat Ġenerali u mill-imputat;

Tqis illi wara li din il-Qorti talbet lill-partijiet jispjegaw kif waslu għall-piena ndikata fir-rikors konġunt suriferit, l-imputat intavola rikors fejn talab lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet tal-Qorti dwar id-Droga;

Tqis illi wara li din il-Qorti awtorizzat lir-rikorrent sabiex iressaq il-provi tiegħu in sostenn ta' din it-talba u wara li semgħet lix-xhieda mressqa mid-difiża għal dan il-għan, din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, in-natura serja tar-reati li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll il-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri.

Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li fl-udjenza ta' nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-abbli avukat difensur iddikjarat li ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont tad-danni ta' ħamest elef erba' mija u tnejn u disgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€5492.12) li ġie ndikat mill-Prosekuzzjoni bħala l-ammont ta' ħsarat u danni li saru mill-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant :-

**i.** Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 20, 31, 49. 50, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 289, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u t-tmien (8) imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-**perjodu ta' tmintax (18)-il xahar priġuneria effettiva,** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

**ii.** Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, tas-seba' (7) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia li wettaq reat ta' natura volontarja tul il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u b'hekk qed titratta miegħu dwar ir-reati mertu tas-sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Gilmor Lucas Bartolo, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati, u filwaqt li tikkonferma l-ħtija tiegħu għal dawk ir-reati, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 20, 31, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-**perijodu ieħor ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jirestitwixxi :-

i. l-ammont ta' sebgħin ewro (€70) lil Jordan Andrews,
ii. l-ammont ta' għoxrin ewro (€20) lil Nico Aquilina,
iii. l-ammont ta' tlett mija u sitta u sebgħin ewro (€376) lil Neal Sammut;
iv. l-ammont ta' tliet mija u tletin ewro (€330) lil Warren Cuschieri, bħala s-sid tal-kaffeterija bl-isem MELT;
v. l-ammont ta' elf erba' mija u ħamsin ewro (€1450) lil Dave's Supermarket;
vi. l-ammont ta' elf u tlett mitt ewro (€1300) lil Julian Galea, bħala s-sid tal-Lotto Shop, Imsida;

vii. l-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€483.20) lil Alexandra Gex;

viii. l-ammont ta’ tmien mija u wieħed u disgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€891.84) lil Marie Ange Viel; u

ix. l-ammont ta’ ħames mija u wieħed u sebgħin ewro u tmien ċenteżmi (€571.08) lil Sofia Filipa Ruivo;

li komplessivament jammontaw għas-somma ta’ ħamest elef erba’ mija u tnejn u disgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€5492.12) u dan bħala kumpens għad-danni u l-ħsara magħmula minnu. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien ħmistax (15)-il xahar mill-llum.

Peress illi f’dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

In vista tad-dikjarazzjoni li saret mill-prosekuzzjoni fl-udjenza ta’ nhar id-dsatax (19) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta’ l-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata ta’ din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara